Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta' April 2001.

Avviz Nru: 51/01

Prim Imhallef (Emeritus) Professur Dottor Hugh Harding u martu Marion sive Maryanne Harding

Vs

Gaetano Mercieca

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex dan fi zmien qasir u perentorju li jghogobha timponilu din il-Qorti, jizgombra mil-, u jirrillaxxja a favur l-attur il-pussess battal ta', il-fond numru erbghin (40), Triq Santa Marija, Birkirkara, u dan peress li, issa li skada t-terminu lokatizju ta' sitt xhur koncess lilu fuq l-imsemmi fond bis-sahha tal-iskrittura tal-10 ta' Settembru, 1999, li kienet taghmel referenza wkoll ghall-iskrittura tal-31 ta' Awissu, 1998 (Dok A u B), qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza, jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' dan il-fond hu ta' erba' mija u hamsa u hamsin liri Maltin (Lm455) kull skadenza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tad-9 ta' Mejju, 2000, u b'riserva ghall-kull azzjoni ohra spettanti lill-attur (partikolarment dik ghall-hlas tal-arretrati tal-kera u danni ghall-okkupazzjoni), kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet lill-attur Prim Imhallef Professur Dottor Hugh Harding bil-

gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mil-lum jizgombra mil- u jirrilaxxa a favur tal-atturi l-pusess battal tal-fond numru erbghin (40) Triq Santa Marija, Birkirkara liema fond huwa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg